**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' Jannar, 2018

Rikors Nru : 432/17 AL

**A B**

**vs.**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

> Illi l-partijiet izzewgu fl-ewwel (1)ta' April tas-sena elfejn u sitta (1/04/2006), Kopja tac-certifikat taz-zwieg qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok A;
>
> Illi l-partijiet sseparaw fis-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) permess ta' kuntratt tas-separazzjoni fl-atti tan-nutar Dr. Robert B li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok B;

Illi l-partijiet kienu emmednaw il-kuntratt tas-separazjoni permess ta’ kuntratt korretorju datat 17 ta’ Gunju 2015 li qed jigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok C;

Illi l-partijiet ilhom separati aktar minn erba’ snin;

Illi m’hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi barra li ilhom aktar minn erba’ snin separati, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi m'hemm l-ebda kwistjoni bejniethom dwar l-manteniment u fil-fatt ma jithallas ebda manteniment bejn il-partijiet;

Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabiliti mil- ligi biex jinghataw d-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Talbet għar-raġunijiet fuq imsemmija, li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1.Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2.Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien indikat minn din l-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiiet, u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li permezz taghha ikkonferma:

1. Illi l-partijiet ilhom separati de facto iktar minn 4 snin;
2. Illi l-konvenut mhux obbligat jghaddi manteniment lill-attrici personalment;
3. Illi l-esponenti jghaddi l-manteniment ghall-minuri Melaniya B b’mod regolari ai termini tal-Kuntratt ta’ Separazzjoni;
4. Illi m’hemm ebda cans ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Ghalhekk l-esponenti ma jsib ebda oggezzjoni illi jigi ppronunzjat id-Divorzju bejn il-partijiet;

Salv kull provvediment illi dina l-Qorti jidhrilha xieraq u opportun;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Novembru 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta' Gunju 2015 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.